MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF VINCENT DE GAETANO

Seduta tas-26 ta' Frar, 2010

Appell Kriminali Numru. 14/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Emmanuel Degiorgio**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjoni migjuba permezz ta’ att ta’ citazzjoni kontra Emmanuel Degiorgio (bin John u Margerita nee Calleja, imwieled fis-26 ta’ Lulju 1953, detentur tal-karta tal-identita` nru 418953M) talli b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda, ghax-xahar ta’ Settembru u Ottubru 2009 meta hekk ordnat minn xi qorti jew marbut b’kuntratt naqas milli jaghti lil martu Filippa Degiorgio jew lil bintu s-somma ffissata bhala manteniment, u dan bi ksur tal-Artikolu 338(*z*) tal-Kodici Kriminali;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-18 ta’ Jannar 2010 li permezz taghha dik il-qorti, wara li sabet lill-imsemmi Degiorgio hati skond l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu, ikkundanntu gimgha detenzjoni;

Rat ir-rikors ta’ l-appell tal-imsemmi Emmanuel Degiorgio, minnu ppresentat fis-27 ta’ Jannar 2010, li permezz tieghu huwa talab ir-riforma tal-imsemmija sentenza kwantu ghall-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-lum; ikkunsidrat:

L-aggrvaju tal-appellant hu li hu qatt ma messu nghata piena karcerarja. Din il-Qorti ma taqbilx. Mill-fedina penali aggornata tal-appellant jirrizulta li ilu s-snin jonqos mill-obbligi tieghu dwar manteniment u sa issa laqqat xejn anqas sitt kundanni fir-rigward, u fi tnejn minnhom (16/11/09 u 7/1/2010) gie anke kkundannat ghall-piena restrittiva tal-liberta` personali. Fic-cirkostanzi kollha tal-kaz din il-Qorti ma tara ebda raguni ghala ghandha tiddisturba l-piena erogata mill l-ewwel qorti.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------